**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Novembru, 2023

Rikors Numru: 62/21 AL

**A B**

**vs.**

**C B**

**SENTENZA PRELIMINARI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors tal-intimata C B**[1], ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2022, illi permezz tiegħu ppremettiet:

"*1. Illi l-esponenti C B hija mart l-attur A B.*

*2. Illi l-esponenti tinsab fi stat ta' kontumaċja f'dawn il-proċeduri ta' separazzjoni ntavolati kontriha minn A B.*

[1] A fol 453 sa 454

*3. Illi l-esponenti ma kinitx konxja li kien hemm proċeduri ta' separazzjoni miftuħin mir-raġel tagħha u sa fejn taf hi, l-aħħar li l-partijiet kienu l-Qorti kien meta hi u r-raġel tagħha kienu għaddejjin mill medjazzjoni.*

*4. Illi hi saret taf b'din il-kawża meta ġie mħarrek l-imgħallem tagħha bħala xhud u nfurmaha hu.*

*5. Illi mir-riferta ta' nhar l-ewwel ta' Ġunju 2021 jirriżulta li l-esponenti ġiet allegatament notifikata permezz tal-proċedura tal-Affissjoni fl-uffiċju tal-Maltapost, fl-għassa tal-Pulizija u fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Illi minn l-istess riferti ma jirriżulta m'kien li l-affissjoni saret mar-residenza tal-esponenti.*

*6. Illi dwar l-affissjoni li saret nhar l-ewwel ta' Ġunju 2021, din suppost saret fid-dar tal-esponenti C B. Illi l-esponenti tispjega li kieku ġiet affisata xi karta mal-bieb tal-blokka din kienet tinsab iżda fil-fatt hija ma sabet xejn.*

*7. Illi barra minn hekk għandu jiġi rilevat li l-interess tal-konvenuta fil-kawża odjerna huwa ċar stante li l-istess konvenuta qiegħdha issa, la darba issa taf b'din il-kawża, tippreżenta dan ir-rikors sabiex tingħata l-fakolta` li tippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha. Dan juri biċ-ċar illi hija qatt ma kellha intenzjoni li tkun diżubbidjenti għall-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*8. Illi jekk l-esponenti m'hix se tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha fil-kawża odjerna hija ser tkun serjament ippreġudikata u din se tkun sanzjoni sproporzjonata in vista wkoll tal-fatt li liema deċiżjoni ser taffettwa ukoll t-tfal minuri tal-esponenti.*

*9. Illi flimkien ma' dan ir-rikors l-esponenti qiegħda tippreżenta l-affidavit maħluf tagħha, mmarkat* **Dok. RM 1***, li permezz tiegħu qiegħda tispjega bil-ġurament il-fatti esposti f'dan ir-rikors.*

*Għaldaqastant, l-esponenti qiegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' l-ġustifikazzjoni għall-kontumaċja tagħha kif ukoll tawtorizzaha tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha għall-kawża fl-ismijiet premessi u tressaq dawk il-provi kollha in sostenn tal-verżjoni tagħha, u dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat ir-**risposta ta' A B** ippreżentata nhar il-25 ta' Lulju, 2023 illi permezz tagħha oppona għat-talba tar-rikorrenti bis-segwenti:

1. *Illi permezz ta' dan ir-rikors il-konvenuta qiegħda titlob li l-Onorabbli Qorti jogħġobha takkordalha terminu biex tippreżenta risposta ġuramentata għall-kawża odjerna;*

2. *Illi fi kliem ieħor, il-konvenuta qiegħda tittenta tiġġustifika l-kontumaċja tagħha u f'dan ir-rigward tallega:*
   a. *Li hi ma kinitx konxja li kien hemm proċeduri ta' separazzjoni mitfuħin minn żewġha;*
   b. *Li ma sabet ebda affissjoni mar-residenza fejn hija tgħix għaliex kieku kienet tkellem avukat;*
   c. *Li żewġha u l-ulied minuri ma infurmawhiex bl-istess proċeduri;*

3. *Illi r-riferta a fol. 18 tal-proċess jirriżulta li l-Marixxal D E, mhux biss ħadet ħsieb twaħħal l-affissjoni mal-kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar u mal-għassa, iżda anke waħlitha mar-residenza tal-konvenuta, irrispettivament minn dak li qed tallega l-konvenuta. In oltre, jiirriżulta wkoll, li n-notifika anke dehret fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal lokali kif trid il-liġi;*

4. *Illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar il-kontumaċja illum hija waħda konkordi fis-sens li l-istitut tal-kontumaċja huwa mibni fuq il-pretest li n-nuqqas tal-konvenut li jwieġeb fiż-żmien stabbilit mill-Liġi jammonta għal* contumelia *u dispett lejn is-sejħa tal-Qorti. Dan l-għemil, jistħoqqlu piena billi jammonta għal forma ta' diżordni soċjali.*

5. *Illi fid-deċiżjoni mogtħija minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fl-10 ta' Jannar, 2020 fil-kawża fl-ismijiet Nikita Sciortino vs Shaun Camillerii ingħad hekk:*

   *" L-oneru illi jippreżenta r-risposta tiegħu fil-ħin sabiex jassigura li jkun jista' jressaq il-provi tiegħu quddiem il-Qorti f'din il-kawża kien jinkombi fuq il-konvenut, u ġaladarba l-konvenut naqas milli josserva t-terminu mpost mill-Liġi, jew għall-anqas iressaq provi sodisfaċenti li hemm raġuni valida li jiġġustifikaw il-kontumaċja tiegħu, imputet sibi"*

6. *Illi bid-dovut rispett qiegħed jiġi sottomess li f'dan il-każ fl-umli opinjoni tal-esponent, il-konvenuta ma ġabet l-edba prova ta' kawża ġusta li tista' tiġġustifika l-kontumaċja jew li tali kawża ġusta kienet tikkostitwixxi impediment leġittimu, jew żball invinċibblili ma jammontax għal kolpa.*

*Tant għandu x'jissottometti l-esponent f'dan l-istadju, għas-savju u superjuri ġudizzju ta' l-Onorabbli Qorti.*

Rat l-affidavit tal-konvenuta C B;[2]

Rat l-atti kollha li huma rilevanti għal dan l-episodju;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum sabiex tippronunzja ruħha dwar il-kontumaċja *o meno* tal-konvenuta.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rikors tal-konvenuta u anki minn dak sottomess minnha fl-affidavit ġuramentat tagħha r-raġuni ewlenija li għaliha hi tgħid li jkun xieraq u mistħoqq li l-kontumaċja tagħha titneħħa tikkonsisti fil-fatt li l-affissjoni saret: "*fl-uffiċju tal-Maltapost, fl-għassa tal-Pulizija u fil-Kunsill Lokali ta' san Pawl il-Baħar. Illi minn l-istess*

[2] Dok RM 1 fol 455

*riferti ma jirriżulta m'kien li l-affissjoni saret mar-residenza tal-esponenti".* Il-konvenuta tgħid ukoll li ma sabet l-ebda karti affissati mal-bieb tal-blokk tagħha.

Jidher għalhekk li primarjament il-konvenuta qegħda sserah it-talba tagħha li titħalla tikkontesta l-kawża fuq il-punt tal-validita` tan-notifika.

Illi qabel xejn il-Qorti ser telenka l-fatti li wasslu għal dan l-episodju b'mod kronoloġiku:

<u>FATTI</u>

Illi l-attur intavola kawża għal separazzjoni personali permezz ta' rikors ġuramentat datat 18 ta' Frar, 2021;

Illi a fol. 7 jinsab id-digriet tal-Qorti bl-appuntament tas-smiegħ, fejn jirriżulta li l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-15 ta' April, 2021. Fid-digriet jirriżulta wkoll s-segwenti provvediment tal-Qorti:

*"Tordna n-notifika lill-partijiet, b'dan illi l-konvenuta jkollha għoxrin jum għar-risposta ġuramentata;*
*Fl-eventwalita ta' riferta negattiva, tawtorizza minn issa n-notifika tal-intimat bil-mezz tal-purtier wara l-ħinijiet legali, b'dan illi jekk l-purtier jikkonsenja l-att ġudizzjarju lill-persuna li mhijiex l-intimata, fir-riferta għandu jitniżżel in-numru tal-karta tal-identita` ta' tali persuna u x'parentela jew relazzjoni tali persuna għandha mal-intimat. F'każ li l-purtier ma jirnexxilux jinnotifika lill-intimat wara l-ħin legali għandu jniżżel fir-riferta l-ħin jew ħinijiet li fihom ikun għamel tentattivi ta' notifika....(omissis)"*

Illi mir-rikors ġuramentat jirriżulta li l-indirizz li ġie imniżżel ħdejn in-notifika tal-konvenuta kien dak ta' *93, Gardell, Flat 1, Triq ix-Xitwa San Pawl il-Baħar*[3]*;*

[3] Fol 6

Illi l-ewwel riferta negattiva tinsab a fol. 8 fejn D E Marixxal Qrati tal-Ġustizzja indikat: "*Ma sibtx Nru 93 u lanqas l-isem tad-dar Gardell fi Triq ix-Xitwa.*"

Illi a fol. 11 inħarget mill-ġdid in-notifika fuq l-istess indirizz iżda din id-darba fuq il-*folder* tniżżel ukoll: '*See directions inside'*. Skont dak li jirriżulta mir-riferta tal-Marixxal D E: *ma fetaħ ħadd.*

Jirrżulta minn fol. 12 li reġgħet inħarġet in-notifika, din id-darba fil-*folder* jirriżulta li hemm żewġ fotokopji ta' ritratti;

Fl-20 ta' Mejju 2021, l-attur ippreżenta rikors fejn spjega li għamel diversi tentattivi biex jipprova jinnotifika l-konvenuta u dan anki wara l-ħinijiet legali, iżda bla suċċess, għalhekk talab l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex jinnotifika lill-konvenuta permezz tal-proċedura tal-affissjoni u publikazzjoni;

Illi b'digriet tal-21 ta' Mejju 2021, din il-Qorti laqgħet din it-talba tal-attur;

Illi jirriżulta li fit-28 ta' Mejju, 2021 l-attur ħareġ in-notifka *ai termini* tad-digriet tal-21 ta' Mejju, 2021, u dan kif jirriżulta minn dak miktub fuq il-*folder* a fol 18 ta' proċess[4], fejn ġew indikati s-segwenti:

1. **C B X, X, Flat 1 Trq ix-X, San Pawl il-Baħar**;
2. Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar;
3. Għassa San Pawl il-Baħar;
4. Gazzetta tal-Gvern;

Illi jirriżulta mill-atti li r-riferti ta' 1 sa 3 (kif suesposti) kienu kollha posittivi, in otre` a fol 20 hemm *vera kopja* tal-Gazzetta tal-Gvern, u a fol. 21 hemm nota tal-attur li permezz tagħha esebixxa l-estratt tal-gazetta "*The Malta Independent*" datata 19 ta' Lulju, 2021.

[4] Jirriżzulta s-segwenti mill-folder: " Affissjoni u Publikazzjoni +verbal 27.05.2021 Rikors 20/05/21 u digriet 21/5/21

Illi għalhekk konkluż il-proċedura tan-notifika, it-terminu għar-risposta skada fil-11 ta' Awwissu, 2021 u ċioe fit-tielet ijiem tax-xogħol wara d-data tal-pubblikazzjoni fil-ġurnal lokali.

Illi kien waqt l-udjenza tas-sebgħa (7) ta' Ottubru, 2021 li l-Qorti ddikjarat li l-konvenuta hija kontumaċja[5] u in oltre` innominat lil Perit Legali Dr Abigail Critien sabiex tisma l-provi tal-attur biss;

Illi mill-atti jirriżulta li l-imgħallem tal-konvenuta ġie notifikat bl-inġunzjoni sabiex jixhed fil-11 ta' Mejju, 2022 u dan għas-seduta quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien skedata għas-6 ta' Lulju, 2022;

Illi fl-10 ta' Ġunju, 2022 il-konvenuta ppreżentat ir-rikors odjern;

Illi fis-6 ta' Lulju, 2022 il-konvenuta dehret għas-seduta quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien fejn kellu jixhed l-imgħallem tagħha.

Illi fis-17 ta' Novembru, 2022 il-konvenuta xehdet in subizzjoni;

**<u>Dritt:</u>**

Skont l-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[6]:

***(1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.***
***… omissis -***
***(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti <u>raġuni tajba</u> li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti***

[5] Vide verbal tal-7 ta' Ottubru, 2021 a fol 23
[6] Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

***lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.***
(Sottolinear tal-Qorti)

Illi kif jirriżulta mis-suespost ir-raġunijiet li l-konvenuta tagħti huma:

- Li ma kenitx taf li kien hemm proċeduri ta' separazzjoni;
- Li l-affissjoni ma saritx fir-residenza tagħha;
- Li żewġha u uliedha ma qalulhiex bl-istess proċeduri;
- Fl-Affidavit tagħha tgħid li ma taqrax gazzetti lokali, ma tixtrix li-Gazzetta tal-Gvern u ma tafx taċċessah.

Il-Qorti tibda billi tirrferi għal materja teknika tal-allegat nuqqas ta' notifika valida. Hawnhekk kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna, il-Qorti jkollha ssewgwi fedelment dak li tgħid il-liġi tal-proċedura.

Ladarba l-konvenuta qed tilmenta li l-affissjoni ma saritx sew il-Qorti tagħmel referenza għals-subinċiżi relevanti tal-artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

*(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizzazzjonijiet oħra mill-qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika għandu jsir wara li jitħallas id-dritt xieraq dovut lir-reġistru. L-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jirreġistra ċertifikat separat ta'*

*notifika fl-atti ġudizzjarji għal kull tentattiv li jkun sar: Iżda, il-kopja ma tistax titħalla f'idejn persuni ta' età anqas minn erbatax-il sena, jew f'idejn persuna li, fil-ħin tan-notifika, għandha diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tagħti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaċi li tagħti dik ix-xiehda, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju; u n-notifika ma tistax tiġi attakkata bħala irregolari, għal waħda minn dawk ir-raġunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata: Iżda wkoll meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirċiviha personalment mingħand uffiċjal eżekuttiv tal-qrati, il-qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma'lill-uffiċjal esekuttiv tal-qrati u tikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-inċident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u l-ħin tar-rifjut u tali digriet għandu jitqies bħalaprova tan-notifika għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.*

*...- (omissis)-*

*(3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta'skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jaw twaħħil."*

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors tal-attur tal-20 ta' Mejju, 2021, fejn huwa talab lil din il-Qorti sabiex jiġi awtorizzat

jinnotifka lill-konvenuta permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u dan salv kull provvediment ieħor li l-Qorti jogħġobha timponi.

Illi permezz ta' Digriet tal-21 ta' Mejju, 2021, il-Qorti laqgħet it-talba mingħajr ma imponiet kundizzjonijiet oħrajn.

Illi b'hekk f'dan l-istadju l-Qorti ser teżamina dak li effettivament jirriżulta mill-atti f'dan ir-rigward.

Illi l-Qorti jiriżultalha li a fol. 18 tal-proċess inħarget in-notifika fuq: 1)C B, X, X, Flat 1 Triq ix-X San Pawl il-Baħar, kif ukoll 2)l-Għassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Baħar u 3)il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

Fuq dan il-*folder* hemm riferta pożittiva fis-sens li D E Marixxal Qorti tal-Ġustizzja indikat is-segwenti:

*"Illum 1/06/2021 ngħid u niżgura li fi 1/06/2021 nnotifikajt lil C B bil-proċedura ta' l-affissjoni fl-indirizz mogħti SPB* ***Mall-Post, b'kopja ta' Avviż, Digriet, Rikors Ġuramentat u Dok Skond l-Art 187 (3) tal-Kap 12."*** [7]
(Enfasi u sottolinear tal-Qorti)

Illi fuq l-istess *folder* hemm riferti pożittivi anki in kwantu l-affissjoni, fil-kunsill lokali u l-għassa tal-pulizija iżda l-konvenuta mhux qed tilmenta fuq hekk iżda l-iment tagħha jirrigwarda biss l-affissjoni fir-residenza tagħha u dan kif jirriżulta mir-rikors odjern tagħha.

Illi fir-rikors tagħha l-konvenuta ssostni li l-affissjoni ma saritx fir-residenza tagħha iżda saret biss f'dawn it-tlett positijiet: 1)Maltapost; 2)Il-Kunsill Lokali; 3)L-Għassa tal-Pulizija, u tgħid li fir-residenza ma saritx u ma sabet xejn mwaħħal.

Illi l-konvenuta ippreżentat l-Affidavit Ġuramentat tagħha fejn terġa ttenni l-istess fatti li joħorġu mir-rikors tagħha;

---

[7] Folder a 18 fuq in- naħa ta' wara.

Illi madanakollu mill-atti jirriżulta ċar li r-riferta li qed tilmenta dwarha l-konvenuta ma taqrax 'Maltapost' kif tallega hi iżda 'Mall-post' u għall-Qorti dan huwa ċar li ladarba fuq il-faċċata tal-folder hemm l-indirizz tal-konvenuta u ċioe X, X Flat 1 Triq ix-X San Pawl Il-Baħar, isegwi li *mall-post* qed jirreferi għal dan l-indirizz u mhux għal *Maltapost*.

Illi in oltre, m'hemm l-ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenuta fuq l-indirizz tagħha[8], anzi mill-argumenti li resssqet hi stess kif ukoll minn dak li joħroġ mill-atti jirriżulta ċar li dan huwa l-indirizz residenzjali tagħha. L-ilment tal-konvenuta huwa fis-sens li l-affissjoni ma saritx fir-residenza tagħha iżda skontha saret il-Maltapost. Illi minn mkien ma jirriżulta li l-affissjoni saret il-Maltapost, anzi dak li jirriżulta huwa li l-Marixxal D E, li ma tressqitx mill-konvenuta sabiex tixhed fir-rikors odjern, fil-fatt eżegwiet in-notifika skont id-dettami tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u waħħlet l-affissjoni mal-bieb tar-residenza tal-konvenuta.

Għal kull buon fini u b'referenza għal dak li tgħid il-konvenuta li ma taqrax il-gazzetti lokali u ma tixtrix u/jew ma taċċessax il-Gazzetta tal-Gvern huwa kollu irrilevanti.[9] Konsegwentement il-Qorti tqis in-notifika bħala waħda valida u konsegwentement il-konvenuta ġiet debitament notifikata skont skont il-liġi.

Illi għalhekk ladarba il-Qorti qed tqis in-notifika bl-affissjoni bħala waħda valida, il-konvenuta waqgħet kontumaċja. Għalhekk il-Qorti issa ser tgħaddi biex tevalwa jekk l-konvenuta ressqet raġunijiet tajbin sabiex tiġġustifka l-kontimaċja tagħha.

Illi ir-raġunijiet li ressqet il-konvenuta huma:

- Li ma kenitx konxja li żewġha pproċeda bi proċeduri ta' separazzjoni;

[9] F'dan is-sens ara Sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fit-28 ta' Lulju, 2011 fl-ismijiet: *Valley Properties Limited vs Chianti Storm Limited* Cit. Nru. 70/2009

- Li la żewġha u lanqas uliedha ma infurmawha bil-proċeduri ta' separazzjoni;
- Li ma sabet ebda affissjoni mar-residenza tagħha – fuq dan hemm provi konkreti li juru lil-eżekuzzjoni tal-affissjoni saret skont il-liġi;
- Li ma taqrax gazetti lokali u ma tixtrix u ma taċċessax il-Gazetta tal-Gvern.

PRINĊIPJI LEGALI U ĠURISPRUDENZA

Illi biex il-Qorti tista' tasal biex tippronunzja ruħha dwar il-kontumaċja *o m*eno tal-konvenuta fiċ-ċirkostanzi, ikun opportun illi ssir referenza għar-*raison d'etre* kif ukoll l-effetti ta' l-istitut tal-kontumaċja[10]. Il-kontumaċja hija ġeneralment meqjusa bħala miżura ta' natura punittiva li hija meħtieġa sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti.

Huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-konvenut, bin-nuqqas tiegħu li jwiegeb għat-talba tal-parti attriċi, ikun wera diżubbidjenza ("kontumelja") lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tqis li fih element ta' diżordni soċjali u tħares lejh bħala aġir li jistħoqqlu li jiġi punit bis-sanzjoni li l-kontumaċi ma jkunx jista' jippartecipa fil-ġbir tal-provi u jikkontesta x-xhieda mressqa mill-attur.[11]

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet Samchrome FZE vs. Danko Koncar et[12], għamlet referenza għall-kawża Kenneth Abela vs. Aplan Limited et [13] fejn ġie rapportat:-
"*Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jiġi mħares* ***ad unguem****, in raġuni ta' l-element dekadenzjali*

---

[10] Kif stabbilit fil-kawża fl-ismijiet Josette Desira pro. et noe. vs. John Vella (Rikors Ġuramentat 190/17/1RGM) deċiż fit-13 ta' Marzu 2018;
[11] Dr. Aaron Galea Cavallazzi noe v. Asfaltar Limited, (Rikors Ġuramentat: 284/2014) deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Lulju 2014;
[12] Rikors Ġuramentat 843/14 deċiż fil-11 ta' Marzu 2016;
[13] (Rikors 17/2007) deċiża mill-Appell Ċivili [Inferjuri], Imħallef Philip Sciberras fis-6 ta' Frar 2008;

*insit. Dan anke għaliex kif sewwa jinsab ritenut l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u f'liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni* pubbliku *u ma jistgħux jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" (*Giuseppi Caruana vs. Charles Psaila*, Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);*

-

*Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena ċitata illi t-terminu proċedurali la jista' jiġi sanat b' xi adeżjoni tal-*kontro-parti *fil-proċeduri u lanqas prorogat; sospiż jew* interrott*. Kif ġie minn din il-Qorti sa reċentement ħafna osservat, "in-*natura *inderogabbli tat-termini proċesswali ġġib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistgħux jiġu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-*dekors *inutli tagħhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan għal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk neċessarja għal raġuni ta' ċertezza u, wkoll, ta'* uniformita*". (*Salina Wharf Marketing Limited vs. Malta Tourism Authority*, Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu, 12 ta' Diċembru 2007).*"

Fl-istess ħin, il-Qorti tagħraf li l-Liġi, biex ittaffi ftit mill-konsegwenzi ħorox tagħha, u anke in vista tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali *audi alteram partem*, tipprovdi għall-prospett ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja permezz tas-subinċiż (10) ta' l-Artikolu 158 tal-Kap. 12 ġja ċċitat, fejn il-Qorti għandha obbligu li tara jekk il-konvenut li jitlob biex jipparteċipa fil-proċeduri, għandux raġunijiet validi u ġusti sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu.

Fis-sentenza Renato Aquilina et vs. Christopher James Arthur Townsend et[14] ingħad: "*Illum il-kontumaċi huwa ppenalizzat billi ma jitħalliex jikkontradixxi l-fatt mressqin mill-attur u lanqas jitħalla jressaq il-provi tiegħu. Id-difiża tiegħu hija għalhekk imdgħajjfa sew.*

[14] Rikors Ġuramentat 696/16LM, deċiż fil-11 ta' Jannar 2016;

*Illi tqum il-mistoqsija kemm dan huwa ġust meta l-konvenut ma jkollu l-ebda intenzjoni li jkun tabilħaqq kontumaċi, fis-sens li jiġi jaqa' u jqum minn x'tista' tiddeċiedi l-Qorti, imma ma jagħmilx dak li jkun mistenni minnu minħabba xi mpediment li ma jkollux kontroll fuqu inkella jkun aljenat, inkwetat minħabba xi problemi personali, jew ikollu avukat ittraskurat.*

*Huwa skontat li min-naħa l-waħda impediment estraneu u barra mill-kontroll tiegħu żgur li ma jammontax għall-kontumaċja; u min-naħa l-oħra mhix skużanti n-negliġenza grassa tiegħu. Imma mbagħad hemm każijiet ta' bejn dawn iż-żewġ estremi li jħallu lill-ġudikant f'konfondiment u perplessità dwar jekk il-konvenut ikunx ħaqqu jitħalla jiddefendi ruħu jew le.*

*F'każijiet bħal dawn, fejn il-konvenut għalkemm ma jkollu l-ebda intenzjoni li ma jiddefendix ruħu, u l-ebda intenzjoni li jinjora lill-Qorti, xorta waħda għal xi raġuni jew oħra li titqanqal fiċ-ċirkostanzi varjati tal-ħajja, ma jidhirx fl-udjenza inkella ma jippreżentax ir-risposta tiegħu fit-terminu mogħti mil-liġi, l-imħallfin tagħna matul iż-żmien iddeċidew daqqa favur il-konvenut u daqqa kontra skont id-disposizzjoni tagħhom, kif ukoll skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'każijiet bħal dawn, għandha tingħata ċerta indulġenza lill-konvenut. Il-ġudikant qiegħed hemm biex jagħmel il-ħaqq. Il-proċess ċivili huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-kontradittorju, li l-iskop pubbliku tiegħu huwa li tingħata deċiżjoni ġusta għall-kontroversji; għan li jintlaħaq ħafna aħjar jekk iż-żewġ partijiet avversarji jipparteċipaw bis-sħiħ. In-nuqqas ta' parti f'kawża ossija l-kontumaċja jista' jkollha konsegwenzi serji u għalhekk trid tiġi evitata kemm jista' jkun.*

*Il-Qorti tagħmilha ċara iżda li l-indulġenza li għandha turi ma tistax, u m'għandhiex, tkun mingħajr limitu. U l-limitu għandu jkun il-kunsiderazzjoni l-oħra, daqstant ieħor ta' ordni pubbliku, li l-kawżi m'għandhomx jitħallew jitwalu mingħajr bżonn jew b'kapriċċ tal-litigant jew tal-istess Qorti, għax dewmien bħal dan ukoll isarraf f'inġustizzja mal-kontroparti, normalment l-attur, li m'għandhiex tiġi ppreġudikata, kif ukoll mal-Istat u s-soċjetà in ġenerali li jsofru preġudizzju kbir ta' natura soċjo-ekonomika: Interest rei publicae ut sit finis litium."*

Ġie ukoll ritenut li l-preżenza tal-konvenut fil-proċeduri, waħedha u bla raġuni valida ta' ġustifikazzjoni ta' kontumaċja, ma hiex biżżejjed sabiex il-konvenut jingħata l-opportunita` jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu. Altrimenti "*l-istitut tal-kontumaċja jiġi dilwit sal-punt li jiġi reż kompletament bla effikaċja u inoperattiv kull fejn il-konvenut jagħżel li jidher fl-ewwel seduta... Din l-interpretazzjoni hi waħda li tmur kontra mhux biss kontra l-ittra u l-ispirtu tal-liġi, imma ukoll kontra kull sens ta' ġustizzja proċedurali kif espressa fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. ..*"[15]

Fil-kawża fl-ismijiet Vittorio Cassar vs. Carmelo Vassallo[16] fejn ġie dikjarat li sabiex tiġi ġustifikata l-kontumaċja, ma jridx ikun hemm element ta' *culpa* da parti tal-istess intimata iżda jrid neċessarjament ikun hemm element li permezz tiegħu verament juri li kien hemm kawża leġittima u cioe' *una ragione indipendente dalla volonta' di chi e' chiamato a subire, o necessita' impellante di chiamata ad altri doveri imprescindibili*[17] għal tali nuqqas ta' preżentata ta' risposta fit-terminu impost.

Issir referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet Farrugia vs. Farrugia[18] fejn il-Qorti tal-Appell esponiet il-fundament razzjonali ta' l-istitut tal-kontumaċja, u allura wkoll il-parametri tiegħu li għandhom jiġu interpretati b'mod strettissimu favur il-kontumaċja. Fi kliem l-istess qorti, "*….Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumaċja bħala miżura ta' natura punittiva, neċessarja biex tassigura serjeta` fil-proċedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-oħra proprju minħabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorożita` tal-proċedura għandha tiġi applikata u interpretata b'mod restrittiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta għall-culpa, anke għax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bħala fatt, ma*

[15] Joseph Aquilina vs. Lino Debono, Appell Ċivili, deċiż fis-7 ta' Ottubru 1997;
[16] Vol. XXIX.I. 1581 deċiża nhar id-29 ta' Mejju 1937;
[17] Callus vs. Chircop (1926);
[18] Deċiża mill-Qorti tal-Appell 1995;

*għandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumaċja titqies li ġiet ġustifikata."*

Fil-kawża fl-ismijiet Noel Calleja et. vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited[19] ingħad li "*l-Qrati tagħna iddeċidew li r-rigorożita' tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata*".

*"Illi pero` sabiex tiġi ġustifikata l-kontumaċja, trid tkun ġusta kawża (Paul Grixti vs,. Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi); u tali kawża ġusta trid tikkonsisti fl-impediment leġittimu (XXXVIII.i.393); biex ikun leġittimu tali impediment irid ikun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi (XLII.i. 811; XXIX.i.1581), b'dan għalhekk li l-konklużjoni loġika ta'dawn il-prinċipji huwa illi "f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja ġie dejjem ritenut li m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-culpa" u fdak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire" (Carmelo Bugeja vs. Mary xebba Farrugia A.C. 16 ta' Frar 1996.).*

Illi fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, sa minn dejjem saret distinzjoni għall-finjiet tal-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, bejn il-konvenut li juri disinteress assolut (dak li jissejjaħ kontumaċja bi ħtija), u l-konvenut li juri li kien intenzjonat jikkontesta l-kawża iżda ma laħaqx għamel dan għal raġuni li ma kienx jaħti għaliha. Kif stabbiliet din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet Josette Desira pro. et noe. vs. John Vella[20], il-Qrati tagħna konsistentement jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja bi ħtija u dik ġustifikabbli: il-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex ta' tort jew le huma, b'mod ġenerali, is-segwenti: (a) li l-

[19] Ċitazzjoni Numru 126/2003/1;

[20] (Rikors Ġuramentat 190/17/1RGM) deċiż fit-13 ta' Marzu 2018;

kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (c) jeħtieġ li, biex tkun ġustifikata, tintwera raġuni tajba u ġusta; (d) liema raġuni trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-konvenut; kif ukoll (f) li sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-konvenut milli jressaq il-kontestazzjoni tiegħu irid ikun ta' neċessita` impellenti; u (h) li l-impossibilita` li l-konvenut jikkontesta t-talba trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali.

Ikkunsidrat:
Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta li kienet l-konvenuta stess li kienet fetħet il-proċeduri ta' medjazzjoni kontra żewġha l-attur. Illi meta xehdet in subizzjoni quddiem il-perit legali fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2022 xehdet:

*Xhud: "Morna. Morna medjazzjoni u qatt ma qbilna f'xejn u għalaqha. U għalaqniha l-medjazzjoni.*
*Domanda: U inti taf li dan ir-rikors sar ukoll fl-atti tal-medjazzjoni?*

*Xhud: Le ma nafx.*

*Domanda: Ma tafx. Pero kont tattendi għal medjazzjoni hux hekk?*

*Xhud: Ehe meta kellna l-medjazzjoni mort u ngħalqet għax ma wasalx ftehim u qalilna tingħalaq.*

*Domanda: Sewwa. Mela kont taf li kien hemm proċeduri mhux hekk?*

*Xhud: Le, le skont x'tip ta' proċeduri.*[21]

[21] Vide seduta tal-perit legali miżmuma fis-17 ta' Novembru, 2022 minn fol 471 sa fol 494

Illi mix-xhieda tal-konvenuta jirrżulta wkoll li kienet hi stess li kienet ħadet it-tfal għall-appuntament mal-Avukat tat-Tfal u li effettivament it-tfal għazlu li jmorru jgħixu ma' missierhom l-attur.

Illi għalhekk in vista ta' dan kollu, u abazi tal-fatt li din il-Qorti permezz ta' din is-sentenza qed tiddikjara n-notifika bħala waħda valida, il-Qorti tħoss li r-raġunijiet mogħtija mill-konvenuta u ċioe: - li ma kentix konxja li kien hemm proċeduri;- li ma sabet xejn imwaħħal mal-blokka tagħha meta hemm provi konkreti li juru l-kontra; u li żewġha u uliedha ma infurmawhiex bil-proċeduri odjerni; juru li l-konvenuta kellha attitudni pjuttost *laissez-faire* fejn għażlet biex ma tindagax u żżomm ruħha infurmata u aġġiornata fuq proċedura li bdiet hi stess. Għalhekk fl-fehma ta' din il-Qorti ir-raġunijiet mogħtija mill-konvenuta ma jiġġustifikawx il-kontumaċja tagħha. Illi in oltre` l-Qorti tinnota li skont il-konvenuta hi saret taf bil-proċeduri meta l-imgħallem tagħha ġie imaħarrek biex jixhed fil-kawża tas-separazzjoni. Il-Qorti tosserva li dan kien fit-12 ta' Mejju, 2022[22], madankollu l-konvenuta damet kważi xahar sakemm ppreżentat ir-rikors odjern u ċioe fl-10 ta' Ġunju 2022 u dan meta l-kawża kontriha kienet ilha għaddejja għal snin.
In oltre` u kif diġa kellha l-opportunita tippronunzja ruhha din l-istess Qorti f'sentenza mogħtija minnha:

*"lli dwar il-publikazzjoni illi saret fil-gazetta lokali, ma jiswa għal xejn illi jiġi allegat illi dak li jkun ma ikunx qara l-avviż fil-ġurnal lokali. Il-Liġi tal-proċedura hija dik li hi u f'materja ta' notifika il-Liġi trid tiġi applikata b'mod strett."*[23]
Illi għalhekk huwa kollu inutili li l-konvenuta tipprova tiġġustfika l-kontumaċja tagħha fuq dan il-binarju.

**DEĊIDE**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qiegħdha tiddisponi mir-rikors tal-konvenuta tal-10 ta' Ġunju

[22] Vide inġunzjoni in atti
[23] Cit Nru70/2009 Deċiża 28 ta' Lulju, 2011 fl-ismjiet *Valley Properties Limited vs Chiant Storm Limited.*

2022, billi tiċħad it-talba u taqta' u tiddeċiedi li l-konvenuta hija kontumaċja għall-finjiet u effetti kollha tal-liġi u tħalli l-kawża għall-konklużjoni tal-provi attur.

L-ispejjeż tal-preżenti jkunu a karigu tal-konvenuta.